# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.11 – 2.12

**Kap 2: Il-ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni:2.11/2.12: Ġesù kien tifel bħalna!**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jifhmu li Ġesù kien tifel bħalna.

2. Japprezzaw kif kien iġib ruħu meta kien żgħir.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Ġesu' jintilef u wara 3 ijiem isibuh fit-tempju – Jesus at 12

  http://www.youtube.com/watch?v=trePi2pBtdM

- Karta ta' taħriġ 2.7 - *Ġesù kien tifel bħalna!*



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri stampa ta' Ġesù żgħir u staqsi: Kif kien Ġesù meta kien żgħir? Isma' l-opinjonijiet ta' kulħadd.

- Iftaħ il-Bibbja u għid lit-tfal li flimkien ser jaraw kif kien Ġesù meta kien żgħir. Aqralhom is-silta minn Luqa 2: 41-49 jew għidha fi kliemek.

- Uri s-silta li għadek kemm qrajt mill-vidjow li jinsab [http://www.youtube.com/watch?v=trePi2pBtdM](http://www.youtube.com/watch?v=trePi2pBtdM)



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Ħalli t-tfal jgħidu x'laqathom fis-silta.

- Spjega li Ġesù kien jisma' mill-għalliema. Meta kien fit-tempju qagħad jisma' li l-għalliema li kienu qed jgħallmu u staqsihom il-mistoqsijiet bħalma tagħmlu intom. Ġesu' kien dejjem jobdi l-ġenituri tiegħu. Ġesù qal xi ħaġa importanti lil Marija u lil Ġużeppi - li Hu kellu jkun fid-dar ta' Missieru li Huwa Alla, għax hu ġie fid-dinja biex jobdi lil Alla.

- Staqsi lil xi tfal jekk iridux jgħidu x'tgħallmu minn din is-silta.

- Aqsam lit-tfal fi gruppi ta' 6 u stidinhom jirrećtaw din is-silta.

- Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.7 u stieden lit-tfal iħarsu lejn l-istampa u jiddiskutu x'tgħidilhom l-istampa. Isma' lil kulħadd.

- Spjega Attività 1 u flimkien mat-tfal iddeċiedu liema huma s-sentenzi t-tajbin u għinhom ipinġu l-kaxxi bl-aħdar.

- Stieden lit-tfal iħarsu lejn l-istampi f'Attività 2. Ħalliehom jgħidu x'qed jaraw fl-istampi. Wara għinhom ipinġu l-istampi li m'humiex impinġija.

- Iddiskuti magħhom liema stampi huma tajbin.

- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara.

- Oħroġ il-fatt li ħadd ma jista' jieħu l-affarijiet ta' ħadd u allura hu importanti li meta nieħdu xi ħaġa ta' ħaddieħor nitolbu permess mingħandu jew mingħandha.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù kien tifel bħalna.
2. Ġesù kien jobdi lil Marija u lil Ġużeppi.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jgħidu kif huma diġa' jobdu bħal Ġesù. It-tfal jaħsbu kif ser jobdu aktar bħal Ġesù.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ġesù jintilef u wara 3 ijiem isibuh fit-tempju – Jesus at 12

http://www.youtube.com/watch?v=trePi2pBtdM



## Nitolbu

Ġesù għinna nkunu tfal bil-għaqal

bħalma kont int u nobdu dejjem lil

dawk li jieħdu ħsiebna.

